ISSN 1725-5198

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 75

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 54
9 ta' Marzu 2011

Avviż Nru | Werrej | Paġna

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2011/C 75/01 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.6038 – EDFT-L/ATIC/STMC6 JV) ([1]) 1

2011/C 75/02 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.6135 – Carlyle/Administratiekantoor Alpinvest/Alpinvest) ([1]) 1

2011/C 75/03 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.6060 – Citigroup/Public Sector Pension Investment Board/DP World/DP World Australia/JV) ([1]) 2

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2011/C 75/04 Rata tal-kambju tal-euro 3

MT

Prezz: EUR 3

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

V *Avviżi*

ATTI OĦRAJN

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2011/C 75/05 Avviż lill-intrapriżi li biħsiebhom jimportaw jew jesportaw sustanzi kkontrollati li jnaqqsu s-saff tal-ożonu lejn jew mill-Unjoni Ewropea fl-2012 u lill-intrapriżi li fl-2012 biħsiebhom jitolbu kwota għal dawn is-sustanzi bl-intenzjoni għall-użi fil-laboratorji u analitiċi . . . . . . . . . . 4

MT

II

*(Komunikazzjonijiet)*

# KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

**(Każ COMP/M.6038 – EDFT-L/ATIC/STMC6 JV)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2011/C 75/01)

Fit-2 ta' Marzu 2011, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Franċiż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— Fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/en/index.htm) fid-dokument li jġib in-numru 32011M6038. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

## Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

**(Każ COMP/M.6135 – Carlyle/Administratiekantoor Alpinvest/Alpinvest)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2011/C 75/02)

Fit-2 ta' Marzu 2011, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— Fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/en/index.htm) fid-dokument li jġib in-numru 32011M6135. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

## Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

## (Każ COMP/M.6060 – Citigroup/Public Sector Pension Investment Board/DP World/DP World Australia/JV)

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2011/C 75/03)

Fit-2 ta' Marzu 2011, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— Fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/en/index.htm) fid-dokument li jġib in-numru 32011M6060. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Rata tal-kambju tal-euro (1)

**It-8 ta' Marzu 2011**

(2011/C 75/04)

**1 euro =**

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,3898 | AUD | Dollaru Awstraljan | 1,3778 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 114,64 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,3539 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4576 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 10,8263 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,86050 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 1,8793 |
| SEK | Krona Żvediża | 8,8470 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 1,7641 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,2949 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 555,93 |
| ISK | Krona Iżlandiża | | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 9,6129 |
| NOK | Krona Norveġiża | 7,7550 | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 9,1292 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | HRK | Kuna Kroata | 7,4049 |
| CZK | Krona Ċeka | 24,233 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 12 212,12 |
| HUF | Forint Ungeriż | 272,62 | MYR | Ringgit Malażjan | 4,2167 |
| LTL | Litas Litwan | 3,4528 | PHP | Peso Filippin | 60,487 |
| LVL | Lats Latvjan | 0,7059 | RUB | Rouble Russu | 39,2993 |
| PLN | Zloty Pollakk | 3,9848 | THB | Baht Tajlandiż | 42,222 |
| RON | Leu Rumen | 4,1895 | BRL | Real Brażiljan | 2,2994 |
| TRY | Lira Turka | 2,2152 | MXN | Peso Messikan | 16,7804 |
| | | | INR | Rupi Indjan | 62,6640 |

(1) *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

V

*(Avviżi)*

# ATTI OĦRAJN

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Avviż lill-intrapriżi li biħsiebhom jimportaw jew jesportaw sustanzi kkontrollati li jnaqqsu s-saff tal-ożonu lejn jew mill-Unjoni Ewropea fl-2012 u lill-intrapriżi li fl-2012 biħsiebhom jitolbu kwota għal dawn is-sustanzi bl-intenzjoni għall-użi fil-laboratorji u analitiċi

(2011/C 75/05)

1. Dan l-Avviż huwa indirizzat lill-intrapriżi li huma kkonċernati mir-Regolament (KE) Nru 1005/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu (ir-Regolament) u li biħsiebhom

   (a) **jimportaw jew jesportaw** lejn jew mill-Unjoni Ewropea sustanzi elenkati fl-Anness I għar-Regolament fl-2012, jew

   (b) jitlobu **kwota għall-użi fil-laboratorji u analitiċi** ta' dawn is-sustanzi għall-2012.

2. Huma kkonċernati l-gruppi ta' sustanzi li ġejjin:

   Grupp I: CFC 11, 12, 113, 114 jew 115

   Grupp II: CFCs oħrajn kompletament aloġenati

   Grupp III: alon 1211, 1301 jew 2402

   Grupp IV: tetraklorur tal-karbonju

   Grupp V: 1,1,1 trikloroetan

   Grupp VI: bromur tal-metil

   Grupp VII: idrobromufluworukarboni

   Grupp VIII: idroklorufluworukarboni

   Grupp IX: bromuklorometan

3. Kwalunkwe importazzjoni jew esportazzjoni eżentata mir-regola ta' projbizzjoni ġenerali tal-importazzjoni jew l-esportazzjoni teħtieġ liċenzja maħruġa mill-Kummissjoni, ħlief għall-każijiet ta' tranżitu, ħżin temporanju, ħżin tad-dwana jew proċedura ta' żona ħielsa kif imsemmi fir-Regolament (KE) Nru 450/2008, li ma jdumux iktar minn 45 jum. Barra minn hekk, kwalunkwe produzzjoni ta' sustanzi kkontrollati teħtieġ awtorizzazzjoni minn qabel.

4. L-importazzjonijiet għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa fl-Unjoni Ewropea huma soġġetti għal limiti kwantitattivi, determinati mill-Kummissjoni abbażi tad-dikjarazzjonijiet tal-importazzjoni għas-sustanzi kkontrollati għall-użi li ġejjin:

   (a) użi fil-laboratorji u analitiċi (soġġetti għal kwota ta' produzzjoni/importazzjoni u limitazzjoni kwantitattiva),

   (b) użi kritiċi (aloni),

(c) użi bħala materja prima,

(d) użi bħala aġenti tal-ipproċessar.

5. Il-kwoti għall-produzzjoni u l-importazzjonijiet ta’ użi fil-laboratorji u analitiċi se jkunu allokati skont l-Artikolu 10(6) tar-Regolament. It-talba għal kwota għall-użi fil-laboratorji u analitiċi ssegwi l-istess proċedura li tintuża għall-importazzjoni kif indikat hawn taħt.

6. Kwalunkwe intrapriża li tixtieq timporta jew tesporta sustanzi kkontrollati fl-2012 u li ma talbitx liċenzja għall-importazzjoni jew l-esportazzjoni (qabel l-2010 msejħa awtorizzazzjoni tal-esportazzjoni) fis-snin preċendenti, teħtieġ li tinnotifika lill-Kummissjoni billi tressaq, sa mhux iktar tard mis-**16 ta’ Mejju 2011**, il-formula ta’ reġistrazzjoni disponibbli onlajn fuq http://circa.europa.eu/Public/irc/env/review_2037/library. Wara r-reġistrazzjoni, l-intrapriżi jeħtieġ li jsegwu l-proċedura spjegata fil-paragrafu 7.

7. Intrapriżi li huma rreġistrati fil-bażi tad-dejta Main-ODS bħala importaturi jew esportaturi għandhom jimlew u jressqu l-formola tad-dikjarazzjoni rilevanti disponibbli onlajn fil-bażi tad-dejta Main-ODS (http://ec.europa.eu/clima/policies/ozone/ods_en.htm).

8. Il-formuli tad-dikjarazzjoni fil-bażi tad-dejta Main-ODS se jkunu disponibbli mis-**16 ta’ Mejju 2011**.

9. Il-formuli ta’ dikjarazzjoni mimlija kif suppost u mingħajr żbalji li jaslu sat-**30 ta’ Ġunju 2011** biss se jitqiesu validi mill-Kummissjoni.

   L-intrapriżi huma mħeġġa jressqu d-dikjarazzjoni tagħhom kemm jista’ jkun malajr u suffiċjentament qabel l-iskadenza sabiex ikun hemm ċans li jsiru l-korrezzjonijiet potenzjali fi ħdan il-perjodu ta’ dikjarazzjoni.

10. It-tressiq ta’ dikjarazzjoni waħedha ma tagħti l-ebda dritt li jsiru importazzjonijiet, esportazzjoniniet jew, fil-każ ta’ sustanzi kkontrollati għall-użi fil-laboratorji u analitiċi, produzzjoni. Qabel ma ssir importazzjoni, esportazzjoni jew produzzjoni fl-2012, l-intrapriżi jridu jkunu ressqu dikjarazzjoni korrispondenti u jkunu applikaw għal liċenzja billi jużaw il-formola tal-applikazzjoni onlajn disponibbli onlajn fil-bażi tad-dejta Main-ODS.

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2011 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 1 100 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 1 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 770 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 400 fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa | multilingwi:<br>23 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 300 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | Eur 50 fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT